MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 502/2005

**John Joseph u Carmen konjugi Pace**

**vs**

**Grezzju u Mary Konjugi Demanuele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attruri talbu il-kundanna tal-konvenuti ghal risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' elf u mitt Lira Maltin (LM1100.00).

Illi fid-19 ta' Settembru, 2004 ghal habta tat-8.30 p.m. ghamlet halba xita kbira f'Haz-Zabbar.

Illi konsegwenza ta' dawn l-ilmijiet, minhabba traskuragni min-naha tal-konvenuti li ma ghamlux aperturi fit-twieqi taghhom dahal ammont kbir ta' ilma ghand l-atturi bil-konsegwenza illi gew rekati diversi hsarat;

Illi dawn il-hsarat jikkonsistu f’zebgha tal-hajt, suffett, hsara *f’wall unit* u *side table* fis-salott; *mobile phone, cordless telephone u ID caller/answering machine;* zebgha tal-hajt fl-*ispare room*; u suffett tas-sufri u l-wicc *tat-top cupboard* fil-kcina;

Illi skond l-istimi tal-Perit Randolph Bartoli dawn il-hsarat jammontaw ghal elf u mitt Lira Maltin (LM1100.00).

Illi minkejja tentattivi diversi sabiex tinsab soluzzjoni amikevoli, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta sollevata mill-konvenuti fejn intqal illi l-kawza saret intempestivament kif ukoll irrazzjonalment stante illi l-konvenuti ghamlu mill-ahjar sabiex tintlahaq soluzzjoni amikevoli, izda dan ma kienx possibli ghal ragunijiet oltre il-kontroll taghhom, bhal fost ohrajn l-impossibilita’ li jiltaqghu mall-atturi minhabba l-assenza tal-Avukat tal-atturi minn Malta.

Illi minn rapporti minn zewg arkitetti jirrizulta lli l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Bl-Ispejjez ghall-atturi.

Ra x-xhieda ta’ Carmen Pace, Maria Schembri, Emanuel Schembri, John Joseph Pace, Mario Mifsud, Grezzju Demanuele, Mary Demanuele, u Mario Demanuele, Perit Chris Cachia, Sema x-xhieda tal-Perit Valerio Schembri, Dr Louise Pulis, u l-Perit Rasndolph Bartoli.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Sema’ t-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsarat ikkawzati fil-fond appartenenti lill-atturi. Il-Hsarat gew ikkawzati konsegwenza ta’ perkolazzjoni tal-ilma wara xita qawwija. L-ilmijiet bdew jidhlu fil-proprjeta’ tal-atturi mill-proprjeta’ tal-konevnuti li kienu ghadhom ghaddejjin b’xoghlijiet strutturali fuq il-fond taghhom li jinsab agacenti l-fond tal-atturi.

Illi mix-xhieda tal-atturi kif ukoll tal-konjugi Schembri girien tal-atturi, ilkoll qabblu illi il-*maisonette* appartenenti lil-atturi kien igarrab hsarat minhabba perkolazzjoni ta’ ilmijiet wara maltempata qawwija. Il-Hsarat kienu kkawzati mill-proprjeta’ agacenti appartenenti lill-konevnuti.

Fil-fehma tat-Tribunal ma jidhirx illi hemm kwistjoni dwar il-mertu tal-kawza hlief ghal hsarat fl-apparat elettroniku. Jidher illi l-konvenuti m’humiex qieghdin jaqblu dwar il-kwantum illi qieghed jigi mitlub mill-atturi, li huwa bbazat skond stima tal-Perit Randolph Bartoli, li skond il-konvenuti hija stima eccessiva.

Il-konvenuti qabbdu zewg Periti separatament, u cioe’ lil-Perit Chris Cachia u lil-Perit Valerio Schembri sabiex jaghmlu rapport dwar il-hsarat u johorgu stima tal-istess. L-istimi ta’ dawn iz-zewg Periti huma vicin, izda iz-zewg stimi flimkien ma jaqblux ma dik moghtija mill-Perit Bartoli.

Skond l-istima tal-Perit Bartoli huwa ghamel stima ta’ elf u tmenin Lira Maltin (LM1080.00) ghal hsarat li jinkludu seba’ mitt Lira Maltin (LM700.00) ghat-tiswijiet tas-suffitt, tmenin Lira Maltin (Lm80.00) ghal mastrudaxxa, mija u hamsin Lira Maltin (LM150.00) ghaz-zebgha ta’ zewg kmamar u LM150 ghall-apparat elettroniku gdid.

L-istima tal-Perit Cachia kienet ta’ tlett mitt u ghoxrin Lira Maltin (LM320.00) ghal hsarat li jinkludu mija u ghoxrin Lira Maltin (LM120.00) ghaz-zebgha ta’ zewgt ikmamar u LM200 ghat-tiswija tas-suffit kif ukoll ghax-xogholijiet ohra ta’ mastrudaxxa. Il-Perit Cachia ghazel li ma jaghtix stima

tal-apparat elettroniku ghaliex qal illi ma kienx kompetenti li jaghmel rapport u jaghti stimi ghal-apparat elettroniku.

L-istima tal-Perit Valerio Schembri kienet ta' mittejn u erbghin Lira Maltin (LM240.00) ghal hsarat li jinkludu mitt Lira Maltin (LM100.00) ghat-tiswijiet tas-suffitt, erbghin Lira Maltin (LM40.00) tal-mastrudaxxa ghat-tiswijiet tal-ghamara u mitt Lira Maltin (Lm100.00) ghaz-zebgha tal-hitan. Il-Perit Schembri ma hassx illi kien f'posizzjoni professjonali li jaghmel rapport u jaghti stima dwar l-apparat elettroniku.

Id-divergenza qawwija ta' opinjoni professjonali kienet fir-riparazzjonijiet tas-suffit. Fil-waqt illi il-Perit Bartoli jghid illi s-suffitt kellu jsir mill-gdid iz-zewg periti l-ohra jghidu lli il-hsara fis-suffit kienet wahda zghira u ma kienx hemm ghalfejn jinbidel is-suffitt kollu. Din il-hsara setghet tigi riparata permezz ta' tibdil ta' wahda mill-panelli. Fil-fehma taghhom ma dehrilhomx illi kien hemm ghalfejn jinbidel is-suffitt kollu.

Mix-xhieda dokumentali it-Tribunal jidhirlu lli ghandu jasal ghal konkluzjoni dwar il-vertenza jekk huwa jibbaza ruhu fuq ix-xhieda teknika migjuba miz-zewg partijiet.

Fil-fehma tat-Tribunal il-vertenza tal-kawza hija dwar il-kwantum u mhux dwar il-mertu . Il-vertenza qawwja bejn il-Periti hija dik dwar is-suffitt.

l-Atturi gabu bhala prova il-perit Bartoli u l-mastrudaxxa Mario Mifsud sabiex jixhdu dwar it-tiswijiet. It-Tribunal jinnota lli l-atturi ma gabux bhala prova min kien fil-fatt ikkostruwixxa dan is-suffit li kien membru familjari tal-atturi li certament kien ikun l-iktar wiehed kapaci sabiex jispjega kif fil-fatt gie kostruwit dan u mwahhal dan is-suffitt.

Fil-fehma tal-Perit Bartoli u Mario Mifsud, mastrudaxxa maqbud mill-atturi, is-suffit kellu jinqala' ghal kollox ghaliex kienet bicca wahda.

It-Tribunal ghandu ukoll jibbaza ruhu fuq xhieda dokumentali prodotta mill-partijiet. Ir-Ritratti mehuda mill-atturi juru car il-hsarat li saru.

Fix-xhieda tal-Perit Bartoli huwa qal illi iz-zewg magni tal-hjata ghalkemm garbitilhom hsara fil-fehma tal-Perit dehru li sa dak il-hin kienu qieghdin jahdmu.

Illi skond ix-xhieda moqrija u dik li nstemghet quddiem dan it-Tribunal huwa jista' jasal ghal konkluzjoni lli l-hsarat kienu saru izda mhux fl-ammont rikjest mill-atturi.

It-Tribunal ikkonstata lli sal-lum it-tiswijiet ghadhom ma sarux u ma ngiebet ebda prova dokumentali ta' jekk l-apparat elettroniku gie mixtri mill-gdid.

It-talba ghal-hlasijiet qieghda ssir skond stimi u mhux skond kontijiet u ricevuti fattwali ta' xogholijiet maghmula u  oggetti mixtrija.

Illi fil-fehma ta-Tribunal ir-rapporti tal-Periti Cachia u Schembri huma aktar ragonevoli minn dak tal-Perit Bartoli.

It-Tribunal isostni illi fir-rigward tal-hsarat kollha bl-eccezzjoni tal-apparat elettroniku ha jkollu joqghod fuq ir-rapport tal-Periti Cachia u Schembri. Il-Perit Schembri, li huwa l-aktar intiz f'dan it-tip ta' xoghol jghid illi r-riparazzjonijiet  'in situ' tas-suffit jistghu jsiru, u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jigi mibdul is-sufffitt kollu izda dwar il-kwantum it-Tribunal jidhirlu lli l-istima ta' Schembri kienet wahda konservattiva u dwar ir-riparzzjoni tas-suffitt, it-Tribunal  ha joqghod fuq ir-rapport tal-Perit Cachia.

Illi fir-rigward tal-apparat elettroniku t-Tribunal jidhirlu lli huwa ferm possibli illi dan it-tip ta' apparat ma jissewwiex facilment u fil-fehma tat-Tribunal huwa konvint illi l-apparat jew  ma baqghax jahdem kif suppost jew thassar ghal kollox.  Fi kwalunkwe kaz l-apparat jimmerita li jigi mibdul.

Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghalkemm l-atturi jimmeritaw kumpens ghal hsarat li saritilhom, dawn ma jimmeritawx is-somma mitluba u ghalhekk ghandha tigi ridotta ghal hames mija u ghoxrin Lira Maltin (LM520.00)

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jideciedi billi jilqa' t-talba attrici f'ammont ridott u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' hames mija u ghoxrin Lira Maltin (LM520.00) lill-atturi bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------